

Il-Ġurnal Uffiċjali L 288

tal-Unjoni Ewropea



Edizzjoni bil-Malti

Leġiżlazzjoni

Volum 65

9 ta' Novembru 2022

Werrej

II *Atti mhux leġiżlattivi*

REGOLAMENTI

- ★ **Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2022/2179 tat-8 ta' Novembru 2022 li jimplimenta r-Regolament (UE) 2017/1770 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Mali** 1
- ★ **Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2022/2180 tat-8 ta' Novembru 2022 li jimplimenta r-Regolament (UE) 2017/1509 dwar miżuri restrittivi kontra r-Repubblika Demokratika tal-Poplu tal-Korea**..... 5
- ★ **Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2022/2181 tad-29 ta' Ġunju 2022 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2021/1139 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi, is-Sajd u l-Akkwakultura fir-rigward tad-dati tal-bidu u tat-tul tal-perjodi ta' inammissibbiltà tal-applikazzjonijiet għall-appoġġ** 7
- ★ **Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2022/2182 tat-30 ta' Awwissu 2022 li jemenda r-Regolament Delegat (UE) 2017/1798 rigward ir-rekwiżiti għal-lipidi u għall-manjeżju għas-sostituti tad-dieta kollha għall-kontroll tal-piż ⁽¹⁾** 18
- ★ **Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2022/2183 tat-8 ta' Novembru 2022 li jemenda l-Annessi V u XIV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/404 fir-rigward tal-entrati għall-Kanada, għar-Renju Unit u għall-Istati Uniti fil-listi ta' pajjiżi terzi awtorizzati għad-dħul fl-Unjoni ta' konsenji ta' pollam, ta' prodotti ġerminali tal-pollam u ta' laħam frisk tal-pollam u tal-għasafar tal-kaċċa ⁽¹⁾** 21

DEĊIŻJONIJET

- ★ **Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2022/2184 tat-8 ta' Novembru 2022 li temenda d-Deċiżjoni (PESK) 2019/1296 b'appoġġ għat-tisħiħ tas-sigurtà u s-sikurezza bijoloġiċi fl-Ukrajna f'konformità mal-implimentazzjoni tar-Riżoluzzjoni 1540 (2004) tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti dwar in-nonproliferazzjoni ta' armi ta' qerda massiva u l-mezzi ta' twassil tagħhom** 78

⁽¹⁾ Test b'rilevanza għaż-ŻEE.

★ Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2022/2185 tat-8 ta' Novembru 2022 li temenda d-Deċiżjoni (PESK) 2018/1939 dwar l-appoġġ tal-Unjoni għall-universalizzazzjoni u l-implimentazzjoni effettiva tal-Konvenzjoni Internazzjonali għat-Trażżin ta' Atti ta' Terroriżmu Nukleari	80
★ Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2022/2186 tat-8 ta' Novembru 2022 li temenda d-Deċiżjoni (PESK) 2019/1894 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tal-attivitajiet ta' tħaffir mhux awtorizzat tat-Turkija fil-Lvant tal-Mediterran	81
★ Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (PESK) 2022/2187 tat-8 ta' Novembru 2022 li timplimenta d-Deċiżjoni (PESK) 2017/1775 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Mali	82
★ Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (PESK) 2022/2188 tat-8 ta' Novembru 2022 li timplimenta d-Deċiżjoni (PESK) 2016/849 dwar miżuri restrittivi kontra r-Repubblika Demokratika tal-Poplu tal-Korea	86

II

(Atti mhux leġiżlattivi)

REGOLAMENTI

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL (UE) 2022/2179

tat-8 ta' Novembru 2022

li jimplimenta r-Regolament (UE) 2017/1770 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Mali

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (UE) 2017/1770 tat-28 ta' Settembru 2017 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Mali ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 12(5) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

- (1) Fit-28 ta' Settembru 2017, il-Kunsill adotta r-Regolament (UE) 2017/1770.
- (2) Fil-5 ta' Ottubru 2022, il-Kumitat tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti ("KSNU") stabbilit skont ir-Riżoluzzjoni 2374 (2017) tal-KSNU aġġorna l-informazzjoni marbuta ma' tliet individwi soġġetti għal miżuri restrittivi.
- (3) Għalhekk l-Anness I tar-Regolament (UE) 2017/1770 jenħtieġ li jiġi emendat skont dan,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Anness I tar-Regolament (UE) 2017/1770 huwa emendat kif jinsab fl-Anness għal dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-8 ta' Novembru 2022.

Għall-Kunsill
Il-President
Z. STANJURA

⁽¹⁾ ĠU L 251, 29.9.2017, p. 1.

ANNEX

Fl-Anness I għar-Regolament (UE) 2017/1770 taħt l-intestatura "Lista ta' persuni fiżiċi jew ġuridiċi, entitajiet u korpi msemmija fl-Artikolu 2a", l-entrati 3, 4 u 5 huma sostitwiti b'dan li ġej:

***3 MAHRI SIDI AMAR BEN DAHA (magħruf ukoll bħala: a) Yoro Ould Daha b) Yoro Ould Daya c) Sidi Amar Ould Daha d) Yoro)**

Deżinjazzjoni: Viċi kap tal-persunal tal-koordinazzjoni reġjonali tal-Mécanisme opérationnel de coordination (MOC) f'Gao

Data tat-twelid: 1 ta' Jannar 1978

Post tat-twelid: Djebock, il-Mali

Nazzjonalità: Maljan

Nru ta' identifikazzjoni nazzjonali: 11262/1547

Indirizz: Golf Rue 708 Door 345, Gao, Mali

Data tad-deżinjazzjoni min-NU: 10 ta' Lulju 2019 (emendata fid-19 ta' Diċ. 2019, l-14 ta' Jan. 2020, il-5 ta' Ott. 2022)

Informazzjoni oħra: Mahri Sidi Amar Ben Daha huwa mexxej tal-komunità Għarbija ta' Lehmar ta' Gao u l-kap tal-persunal militari tal-fergħa favur il-gvern tal-Mouvement Arabe de l'Azawad (MAA), assoċjat mal-koalizzjoni tal-Plateforme des mouvements du 14 juin 2014 d'Alger (Plateforme). Elenkat skont il-paragrafi 1 sa 3 tar-Riżoluzzjoni 2374 (2017) tal-Kunsill tas-Sigurtà (Projbizzjoni fuq Vjaġġar, Iffriżar tal-Assi). Allegatament miet fi Frar 2020.

Ritratt huwa disponibbli biex jiddaħħal fl-Avviż Speċjali ta' bejn l-INTERPOL u l-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU. Link għas-sit web tal-Avviż Speċjali ta' bejn l-INTERPOL u l-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU:

<https://www.interpol.int/en/How-we-work/Notices/View-UN-Notices-Individuals>

Informazzjoni oħra

Mahri Sidi Amar Ben Daha qed jiġi elenkat skont il-paragrafu 8(b) tar-riżoluzzjoni 2374 (2017) għal azzjonijiet meħuda li jostakolaw, jew li jostakolaw permezz ta' dewmien fit-tul, jew li jheddu l-implimentazzjoni tal-Ftehim.

Ben Daha kien uffiċjal għoli tal-pulizija Iżlamika li topera f'Gao meta l-Mouvement pour l'unité et le jihad en Afrique de l'Ouest (MUJAO) (QD.134) ikkontrolla l-belt minn Ġunju 2012 sa Jannar 2013. Ben Daha bħalissa hu viċi kap tal-persunal tal-koordinazzjoni reġjonali tal-Mécanisme opérationnel de coordination (MOC) f'Gao.

Fit-12 ta' Novembru 2018, il-Plateforme f'Bamako ddikjarat li ma tipparteċipax fil-konsultazzjonijiet reġjonali li jmiss, skedati li jsiru mit-13 sas-17 ta' Novembru skont il-pjan direzzjonali ta' Marzu 2018 maqbul mill-partijiet kollha għall-Ftehim ta' Paċi u Rikonċiljazzjoni f'Marzu 2018. L-għada, f'Gao, saret laqgħa ta' koordinazzjoni mill-kap tal-persunal militari tal-komponent ta' Ganda Koy tal-Coordination des mouvements et fronts patriotiques de résistance (CMFPR)-Plateforme, ma' rappreżentanti tal-MAA-Plateforme, biex iwaqqfu l-konsultazzjonijiet milli jsiru. L-imblokk ġie kkoordinat mat-tmexxija tal-Plateforme f'Bamako, il-MAA-Plateforme, kif ukoll mal-Membru Parlamentari Mohamed Ould Mataly.

Mill-14 sat-18 ta' Novembru 2018, għexieren ta' għallieda tal-MAA-Plateforme flimkien ma' dawk tal-fazzjonijiet tas-CMFPR ostakolaw il-konsultazzjonijiet reġjonali. Fuq struzzjoni u bil-parteċipazzjoni ta' Ben Daha, mill-inqas sitt trakkijiet pick-up mill-Mouvement Arabe de l'Azawad (MAA-Plateforme) tqiegħdu quddiem is-sede tal-gvernatur ta' Gao u fil-viċinanzi tagħha. Fil-post ġew osservati wkoll żewġ vetturi MOC attribwiti lill-MAA-Plateforme.

Fis-17 ta' Novembru 2018, seħħ inċident bejn elementi armati li mblukkaw l-aċċess għas-sede tal-gvernatur u pattulja FAMA li kienet għaddeja miż-żona, iżda li ġie diffuż qabel ma seta' jeskala u jikkostitwixxi ksur tal-waqfien mill-ġlied. Fit-18 ta' Novembru 2018, total ta' tnaħ-il vettura u elementi armati neħħew l-imblikkar tas-sede tal-gvernatur wara l-aħħar ċiklu ta' negozjati mal-gvernatur ta' Gao.

Fit-30 ta' Novembru 2018, Ben Daha organizza laqgħa bejn l-Għarab f'Tinfanda biex jiddiskutu s-sigurtà u r-ristrutturazzjoni amministrattiva. Il-laqgħa kienet tinkludi wkoll l-individwu ssanzjonat Ahmoudou Ag Asriw (MLi.001) li Ben Daha jappoġġa u jiddefendi.

Għalhekk, billi effettivament waqqaf id-diskussjonijiet dwar dispożizzjonijiet ewlenin tal-Ftehim ta' Paċi u Rikonċiljazzjoni relatati mar-riforma tal-istruttura territorjali tat-Tramuntana tal-Mali, Ben Daha ostakola l-implimentazzjoni tal-Ftehim ta' Paċi u Rikonċiljazzjoni. Barra minn hekk, Ben Daha jappoġġa individwu identifikat bħala li jhedded l-implimentazzjoni tal-Ftehim permezz tal-involvement tiegħu fil-ksur tal-waqfien mill-ġlied u fattività kriminali organizzata.

4. **MOHAMED BEN AHMED MAHRI (magħruf ukoll bħala: a) Mohammed Rougi b) Mohamed Ould Ahmed Deya c) Mohamed Ould Mahri Ahmed Daya d) Mohamed Rougie e) Mohamed Rougy f) Mohamed Rouji)**

Data tat-twelid: 1 ta' Jannar 1979

Post tat-twelid: Tabankort, il-Mali

Nazzjonalità: Maljan

Passport nru: a) AA00272627 b) AA0263957 c) AA0344148, maħruġ fil-21 ta' Marzu 2019 (data ta' skadenza: 20 ta' Marzu 2024)

Indirizz: Bamako, il-Mali

Data tad-deżinjazzjoni min-NU: 10 ta' Lulju 2019 (emendata fid-19 ta' Diċ. 2019, l-14 ta' Jan. 2020, il-5 ta' Ott. 2022)

Informazzjoni oħra: Mohamed Ben Ahmed Mahri huwa negozjant mill-komunità Għarbija ta' Lehmar fir-reġjun ta' Gao li qabel ikkollabora mal-Mouvement pour l'unicité et le Jihad en Afrique de l'Ouest (MUJAO) (QDe.134). Elenkat skont il-paragrafi 1 sa 3 tar-Riżoluzzjoni 2374 (2017) tal-Kunsill tas-Sigurtà (Projbizzjoni fuq Vjaġġar, Iffriżar tal-Assi).

Ritratt huwa disponibbli biex jiddaħħal fl-Avviż Speċjali ta' bejn l-INTERPOL u l-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU. Link għas-sit web tal-Avviż Speċjali ta' bejn l-INTERPOL u l-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU:

<https://www.interpol.int/en/How-we-work/Notices/View-UN-Notices-Individuals>

Informazzjoni oħra

Mohamed Ben Ahmed Mahri qed jiġi elenkat skont il-paragrafi 8(c) tar-riżoluzzjoni 2374 (2017) talli aġixxa għal, jew f'isem, jew taħt id-direzzjoni ta', jew talli b'mod ieħor appoġġa jew iffinanzja, individwi u entitajiet identifikati fil-paragrafi 8(a) u (b) tar-riżoluzzjoni 2374 (2017), inkluż permezz tar-rikavat mill-kriminalità organizzata, inkluż il-produzzjoni u t-traffikar ta' drogi narkotiċi u l-prekursuri tagħhom li joriġinaw jew jgħaddu mill-Mali, it-traffikar ta' bnedmin u l-faċilitazzjoni ta' immigrazzjoni illegali, il-kuntrabandu u t-traffikar ta' armi kif ukoll it-traffikar ta' proprjetà kulturali.

Bejn Diċembru 2017 u April 2018, Mohamed Ben Ahmed Mahri kkmanda operazzjoni ta' traffikar ta' aktar minn 10 tunnelli ta' kannabis Marokkina, li nġarru fi trakkijiet għat-tkessiħ u għaddeu mill-Mauritania, il-Mali, Burkina Faso u n-Niġer. Fil-lejl ta' bejn it-13 u l-14 ta' Ġunju 2018 ġiet ikkonfiskata kwart tal-kunsinna f'Niamey, filwaqt li grupp rivali kien allegatament seraq it-tliet kwarti li kien fadal matul il-lejl ta' bejn it-12 u t-13 ta' April 2018.

F'Diċembru 2017, Mohamed Ben Ahmed Mahri kien f'Niamey ma' ċittadin Maljan biex jipprepara l-operazzjoni. Dan tal-aħħar ġie arrestat f'Niamey wara li wasal bl-ajru mill-Marokk ma' żewġ ċittadini Marokkini u żewġ ċittadini Alġerini fil-15 u s-16 ta' April 2018 biex jipprova jirkupra l-kannabis misruqa. Tlieta mill-assoċjati tiegħu ġew ukoll arrestati, inkluż ċittadin Marokkin li ġie kkundannat fil-Marokk fl-2014 għal ħames xhur ħabs għat-traffikar tad-drogi.

Mohamed Ben Ahmed Mahri jikkmanda t-traffikar tar-raża tal-kannabis lejn in-Niġer direttament mit-Tramuntana tal-Mali, bl-użu ta' konvojs immexxija minn membri tal-Groupe d'autodéfense des Touaregs Imghad et leurs allies (GATIA), inkluż l-individwu ssanzjonat Ahmoudou Ag Asriw (MLi.001). Mohamed Ben Ahmed Mahri jikkumpensa lil Asriw għall-użu ta' dawn il-konvojs. Dawn il-konvojs spiss joħlqu kunflitti ma' kompetituri assoċjati mal-Coordinament des Mouvements de l'Azawaad (CMA).

Bl-użu tal-gwadanni finanzjarji tiegħu mit-traffikar tan-narkotiċi, Mohamed Ben Ahmed Mahri jagħti l-appoġġ tiegħu lil gruppi armati terroristiċi, b'mod partikolari l-entità ssanzjonata Al-Mourabitoun (QD.141), billi jipprova jxaħħam lill-uffiċjali biex jeħilsu lill-ġellieda arrestati u jiffaċilita lill-ġellieda jintegraw fil-Mouvement Arabe pour l'Azawad (MAA) Plateforme.

Għalhekk, permezz tad-dħul mill-kriminalità organizzata, Mohamed Ben Ahmed Mahri jappoġġa individwu identifikat skont il-paragrafu 8(b) tar-riżoluzzjoni 2374 (2017) bħala li jhedded l-implimentazzjoni tal-Ftehim dwar il-Paċi u r-Rikonċiljazzjoni fil-Mali, flimkien ma' grupp terroristiku ddeżinjat skont ir-riżoluzzjoni 1267.

5. MOHAMED OULD MATALY

Deżinjazzjoni: Membru Parlamentari

Data tat-twelid: 1958

Nazzjonalità: Maljan

Passaport nru: a) D9011156, b) AA0260156, maħruġ fit-3 ta' Awwissu 2018 (data ta' skadenza: 2 ta' Awwissu 2023)

Indirizz: a) Golf Rue 708 Door 345, Gao, Mali b) Almoustarat, Gao, Mali

Data tad-deżinjazzjoni min-NU: 10 ta' Lulju 2019 (emendata fid-19 ta' Diċ. 2019, l-14 ta' Jan. 2020, il-5 ta' Ott. 2022)

Informazzjoni oħra: Mohamed Ould Mataly huwa dak li qabel kien is-Sindku ta' Bourem u Membru Parlamentari attwali għall-kostitwenza ta' Bourem, parti mir-Rassemblement pour le Mali (RPM, il-partit politiku tal-President Ibrahim Boubacar Keita). Huwa ġej mill-komunità Għarbija ta' Lehmar u huwa membru influwenti tal-fergħa favur il-gvern tal-Mouvement Arabe de l'Azawaad (MAA), assoċjat mal-koalizzjoni tal-Plateforme des mouvements du 14 juin 2014 d'Alger (Plateforme). Elenkat skont il-paragrafi 1 sa 3 tar-Riżoluzzjoni 2374 (2017) tal-Kunsill tas-Sigurtà (Projbizzjoni fuq Vjaġġar, Iffriżar tal-Assi).

Ritratt huwa disponibbli biex jiddaħħal fl-Avviż Speċjali ta' bejn l-INTERPOL u l-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU. Link għas-sit web tal-Avviż Speċjali ta' bejn l-INTERPOL u l-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU:

<https://www.interpol.int/en/How-we-work/Notices/View-UN-Notices-Individuals>

Informazzjoni oħra

Ahmed Ag Albachar qed jiġi elenkat skont il-paragrafi 8(b) tar-riżoluzzjoni 2374 (2017) għal azzjonijiet meħuda li jostakolaw, jew li jostakolaw permezz ta' dewmien fit-tul, jew li jheddu l-implimentazzjoni tal-Ftehim.

Fit-12 ta' Novembru 2018, il-Plateforme f'Bamako ddikjarat li ma tipparteċipax fil-konsultazzjonijiet regionali li jmiss, skedati li jsiru mit-13 sas-17 ta' Novembru skont il-pjan direzzjonali ta' Marzu 2018 maqbul mill-partijiet kollha għall-Ftehim ta' Paċi u Rikonċiljazzjoni f'Marzu 2018. L-għada, f'Gao, saret laqgħa ta' koordinazzjoni mill-kap tal-persunal militari tal-komponent ta' Ganda Koy tal-Coordination des mouvements et fronts patriotiques de résistance (CMFPR)-Plateforme, ma' rappreżentanti tal-MAA-Plateforme, biex iwaqqfu l-konsultazzjonijiet milli jsiru. L-imblokk ġie kkoordinat mat-tmexxija tal-Plateforme f'Bamako, il-MAA-Plateforme, kif ukoll mal-Membru Parlamentari Mohamed Ould Mataly.

L-assoċjat qrib tiegħu Mahri Sidi Amar Ben Daha, magħruf ukoll bħala Yuro Ould Daha, li jgħix fil-proprjetà tiegħu f'Gao, ipparteċipa fl-implukkar tal-post tal-konsultazzjoni fl-uffiċċju tal-Gvernatur matul dan il-perijodu.

Barra minn hekk, fit-12 ta' Lulju 2016 Ould Mataly kien ukoll wieħed mill-instigaturi ta' dimostrazzjonijiet ostili għall-implimentazzjoni tal-Ftehim.

Għalhekk, billi effettivament waqqaf id-diskussjonijiet dwar dispożizzjonijiet ewlenin tal-Ftehim ta' Paċi u Rikonċiljazzjoni relatati mar-riforma tal-istruttura territorjali tat-Tramuntana tal-Mali, Ould Mataly ostakola u dewwem l-implimentazzjoni tal-Ftehim ta' Paċi u Rikonċiljazzjoni.

Fl-aħħar nett, Ould Mataly talab il-ħelsien ta' membri tal-komunità tiegħu maqbuda f'operazzjonijiet ta' kontra t-terroriżmu. Permezz tal-involviment tiegħu fil-kriminalità organizzata u l-assoċjazzjoni ma' gruppi terroristiċi armati, Mohamed Ould Mataly jhedded l-implimentazzjoni tal-Ftehim."

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL (UE) 2022/2180**tat-8 ta' Novembru 2022****li jimplimenta r-Regolament (UE) 2017/1509 dwar miżuri restrittivi kontra r-Repubblika Demokratika tal-Poplu tal-Korea**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (UE) 2017/1509 tat-30 ta' Awwissu 2017 dwar miżuri restrittivi kontra r-Repubblika Demokratika tal-Poplu tal-Korea u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 329/2007 ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 47(5) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

- (1) Fit-30 ta' Awwissu 2017, il-Kunsill adotta r-Regolament (UE) 2017/1509.
- (2) Fl-14 ta' Settembru 2022, il-Kumitat tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti (KSNU), stabbilit skont ir-Riżoluzzjoni 1718 (2006) tal-KSNU aġġorna l-informazzjoni relatata ma' żewġ entitajiet soġġetti għal miżuri restrittivi.
- (3) Ir-Regolament (UE) 2017/1509 jenhtiegħ għalhekk li jiġi emendat skont dan,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Anness XIII għar-Regolament (UE) 2017/1509 huwa emendat f'konformità mal-Anness għal dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-8 ta' Novembru 2022.

Għall-Kunsill
Il-President
Z. STANJURA

⁽¹⁾ ĠU L 224, 31.8.2017, p. 1.

ANNEX

Fl-Anness XIII għar-Regolament (UE) 2017/1509, taħt l-intestatura “(b). Persuni ġuridiċi, entitajiet u korpi”, l-entrati 36 u 74 huma ssostitwiti b’dan li ġej:

	Isem	Magħruf ukoll bħala	Lokalità	Data tad-deżinjazzjoni min-NU	Informazzjoni oħra
“36.	Singwang Economics and Trading General Corporation		Indirizz: DPRK	30.11.2016	Hija intrapriża tar-RDPK għall-kummerċ tal-faħam. Ir-RDPK tiġġenera sehem sinifikanti tal-flus għall-programmi nukleari u ta’ missili ballistiċi tagħha bl-estrazzjoni ta’ riżorsi naturali u l-bejgħ tagħhom barra mill-pajjiż.
74.	Weihai World-Shipping Freight		Indirizz: 419-201, Tongyi Lu, Huancui Qu, Weihai, Shandong 264200, China; Numru tal-OMI: 5905801	30.3.2018	Maniġer kummerċjali u tal-vapur ta’ XIN GUANG HAI, bastiment li għabba faħam f’Taeon, ir-RDPK fis-27 ta’ Ottubru 2017 u kellu bħala ħin stmat tal-wasla l-14 ta’ Novembru 2017 f’Cam Pha, il-Vjetnam, iżda ma wasalx.”.

REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) 2022/2181**tad-29 ta' Ġunju 2022****li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2021/1139 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi, is-Sajd u l-Akkwakultura fir-rigward tad-dati tal-bidu u tat-tul tal-perjodi ta' inammissibbiltà tal-applikazzjonijiet għall-appoġġ**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2021/1139 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Lulju 2021 li jistabbilixxi l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi, is-Sajd u l-Akkwakultura u li jemenda r-Regolament (UE) 2017/1004 ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 11(4) tiegħu,

Billi:

- (1) Applikazzjoni għall-appoġġ mill-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi, is-Sajd u l-Akkwakultura (il-FEMSA) li jissottometti operatur tkun inammissibbli għal perjodu ta' żmien identifikat jekk l-awtorità kompetenti tkun iddeterminat li sehew is-sitwazzjonijiet imsemmijin fl-Artikolu 11(1) u (3) tar-Regolament (UE) 2021/1139.
- (2) Sabiex tiġi żgurata n-natura kondizzjonali tal-appoġġ tal-FEMSA, jixraq li jiġu stabbiliti d-dispożizzjonijiet neċessarji li jiżguraw li l-operaturi li japplikaw għall-appoġġ mill-FEMSA jikkonformaw mal-kundizzjonijiet ta' ammissibbiltà għall-appoġġ tal-FEMSA fir-rigward tal-bastimenti kollha tas-sajd taħt il-kontroll effettiv tagħhom.
- (3) L-Artikolu 11(4) tar-Regolament (UE) 2021/1139 jagħti s-setgħa lill-Kummissjoni tadotta l-atti delegati li jidentifikaw il-livell limitu għall-iskattar tal-inammissibbiltà, u l-perjodu tal-inammissibbiltà, li jenħtieġ li jkun proporzjonat man-natura, mal-gravità, mat-tul ta' żmien u mar-repetizzjoni tal-infrazzjonijiet, tar-reati jew tal-frodi li jkunu twettqu, u jenħtieġ li jdum mill-inqas sena. Jenħtieġ li l-Kummissjoni tissorvelja r-regoli dwar l-inammissibbiltà tal-applikazzjonijiet għall-appoġġ stabbiliti f'dan l-att biex tiżgura li jkunu koperti s-sitwazzjonijiet kollha msemmija fl-Artikolu 11(1) u (3) tar-Regolament (UE) 2021/1139.
- (4) Għalhekk jeħtieġ li jiġu stabbiliti r-regoli dwar kif jiġi kkalkulat dan il-perjodu dwar kif jiġu identifikati d-dati rilevanti tal-bidu u tat-tmiem tal-perjodu ta' inammissibbiltà, kif ukoll il-kundizzjonijiet biex dak il-perjodu jiddied jew jitnaqqas. Jixraq ukoll li jiġu stabbiliti r-regoli għar-rieżami tal-perjodu ta' inammissibbiltà f'każijiet meta l-operatur iwettaq ksur serju waqt il-perjodu ta' inammissibbiltà.
- (5) Jeħtieġ ukoll skattar awtomatiku tal-inammissibbiltà għall-finanzjament mill-FEMSA fil-każ ta' ċerti każijiet ta' ksur serju li jagħmlu ħsara partikolari minħabba n-natura u s-serjetà tagħhom.

⁽¹⁾ ĠU L 247, 13.7.2021, p. 1.

- (6) Jixraq ukoll li jiġu stabbiliti r-regoli għall-iskattar tal-inammissibbiltà u għall-kalkolu tat-tul tal-perjodu tal-inammissibbiltà f'każijiet meta operatur wieħed ikun is-sid jew ikollu l-kontroll ta' aktar minn bastiment tas-sajd wieħed. Jenħtieġ li dawn ir-regoli jiżguraw li l-appoġġ tal-FEMSA għall-bastimenti l-oħrajn tal-operatur ma jkunx ta' benefiċċju indirett għall-bastimenti tas-sajd li jkunu ntużaw biex jitwettagħ ksur serju.
- (7) F'konformità mal-Artikolu 92(4) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1224/2009 ^(?), jekk ma jitwettagħ ksur serju ieħor fi żmien tliet snin mid-data tal-aħħar ksur serju, jenħtieġ li jiġi ttrattat l-punti kollha. Għaldaqstant, il-punti għall-ksur jibqgħu fuq il-liċenzja tal-operatur għal mill-inqas tliet snin. Biex żgur ikun hemm kontinwità mas-sistema fis-seħħ kif ukoll proporzjonalità u ċertezza ġuridika, jenħtieġ li jitqies biss il-ksur serju li jkun twettagħ mill-1 ta' Jannar 2013 f'konformità mal-Artikolu 92 tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009 u li l-punti assenjati minħabba fih ma jkunux tħassru mil-liċenzja tal-operatur meta jiġi kkalkulat il-perjodu ta' inammissibbiltà.
- (8) F'konformità mal-Artikolu 47 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1005/2008 ^(?), meta jitwettagħ ksur serju għall-benefiċċju ta' persuna ġuridika minn xi persuna fiżika li taġixxi waħedha jew bħala parti minn korp tal-persuna ġuridika, dik il-persuna ġuridika għandha tinżamm responsabbli.
- (9) Jenħtieġ li jiġu stabbiliti regoli biex jiġi żgurat it-trattament ġust tal-operaturi li jsiru sidien ġodda ta' bastimenti tas-sajd wara li jkun sar bejgħ jew kull tip ieħor ta' trasferiment tas-sjeda, filwaqt li fl-istess ħin ma tiġix imminata s-sistema tal-Unjoni għall-kontroll, l-ispezzjoni u l-infurzar stabbilita fir-Regolament (KE) Nru 1224/2009 dwar il-kontroll tas-sajd, li hija neċessarja biex jintlaħqu l-oġġettivi tal-PKS. Jekk liċenzja tas-sajd ta' operatur tiġi rtirata b'mod permanenti minħabba l-frekwenza u l-gravità ta' ksur li jitwettagħ, jenħtieġ li jkun irrifjutat l-aċċess għall-appoġġ tal-FEMSA sa tmiem il-perjodu ta' eliġibbiltà tan-nefqa għal kontribuzzjoni tal-FEMSA stabbilit fl-Artikolu 63(2) tar-Regolament (UE) 2021/1060 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ^(*), biex jitħarsu l-interessi finanzjarji tal-Unjoni u tal-kontribwenti tagħha. Jenħtieġ li din l-inammissibbiltà tapplika, anki jekk, skont il-metodu tal-kalkolu stabbilit f'dan ir-Regolament, il-perjodu ta' inammissibbiltà jintemm qabel jintemm il-perjodu ta' eliġibbiltà.
- (10) L-Artikolu 11(4) tar-Regolament (UE) 2021/1139 jagħti s-setgħa lill-Kummissjoni li tadotta atti delegati dwar l-arranġamenti għall-irkupru tal-għajnuna mogħtija jekk ikun hemm ksur serju jew reati ambjentali matul il-perjodu msemmi fl-Artikolu 11(2) ta' dak ir-Regolament. Għalhekk huwa meħtieġ li jiġu stabbiliti arranġamenti għall-irkupru tal-għajnuna mogħtija.
- (11) Sabiex tkun żgurata l-applikazzjoni immedjata tal-miżuri previsti f'dan ir-Regolament u minħabba l-importanza li jiġi żgurat it-trattament armonizzat u ugwali tal-operaturi fl-Istati Membri kollha mill-bidu tal-perjodu ta' programmazzjoni, jenħtieġ li dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu u li japplika mill-ewwel jum tal-perjodu ta' eliġibbiltà tan-nefqa għal kontribuzzjoni tal-FEMSA, jiġifieri l-1 ta' Jannar 2021, Tali applikazzjoni retroattiva ma taffettwax il-prinċipju ta' ċertezza ġuridika u tal-protezzjoni tal-aspettattivi leġittimi,

(?) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1224/2009 tal-20 ta' Novembru 2009 li jistabbilixxi sistema tal-Unjoni ta' kontroll għall-iżgurar tal-konformità mar-regoli tal-Politika Komuni tas-Sajd, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 847/96, (KE) Nru 2371/2002, (KE) Nru 811/2004, (KE) Nru 768/2005, (KE) Nru 2115/2005, (KE) Nru 2166/2005, (KE) Nru 388/2006, (KE) Nru 509/2007, (KE) Nru 676/2007, (KE) Nru 1098/2007, (KE) Nru 1300/2008, (KE) Nru 1342/2008 u li jħassar ir-Regolamenti (KEE) Nru 2847/93, (KE) Nru 1627/94 u (KE) Nru 1966/2006 (ĠU L 343, 22.12.2009, p. 1).

(?) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1005/2008 tad-29 ta' Settembru 2008 li jistabbilixxi sistema Komunitarja sabiex tipprevjeni, tiskoraġġixxi u telimina sajd illegali, mhux irrappurtat u mhux irregolat, li jemenda r-Regolamenti (KEE) Nru 2847/93, (KE) Nru 1936/2001 u (KE) Nru 601/2004 u li jħassar ir-Regolamenti (KE) Nru 1093/94 u (KE) Nru 1447/1999 (ĠU L 286, 29.10.2008, p. 1).

(*) Ir-Regolament (UE) 2021/1060 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Ġunju 2021 li jstipula dispożizzjonijiet komuni dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew Plus, il-Fond ta' Koeżjoni, il-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta u l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi, is-Sajd u l-Akkwakultura u r-regoli finanzjarji għalihom u għall-Fond għall-Ażil, il-Migrazzjoni u l-Integrazzjoni, il-Fond għas-Sigurtà Interna u l-Istrument għall-Appoġġ Finanzjarju għall-Ġestjoni tal-Fruntieri u l-Politika dwar il-Viżi (ĠU L 231, 30.6.2021, p. 159).

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

KAPITOLU I

DISPOŻIZZJONIJIET ĠENERALI

Artikolu 1

Suġġett u kamp ta' applikazzjoni

Dan ir-Regolament japplika għall-applikazzjonijiet għall-appoġġ mill-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi, is-Sajd u l-Akkwakultura (il-FEMSA) u jispeċifika l-perjodu ta' żmien li matulu tali applikazzjonijiet sottomessi minn operaturi li jkunu wettqu xi waħda mill-azzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 11(1) jew fl-Artikolu 11(3) tar-Regolament (UE) 2021/1139 għandhom ikunu inammissibbli.

Artikolu 2

Definizzjoni

Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament għandhom japplikaw id-definizzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 4 tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽⁵⁾. Barra minn hekk, għandha tapplika d-definizzjoni ta' hawn taħt:

“punti għall-ksur” tfisser il-punti assenjati lil operatur għal bastiment tas-sajd tal-Unjoni fil-kuntest tas-sistema ta' punti għal ksur serju stabbilit fl-Artikolu 92 tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009.

KAPITOLU II

IL-LIVELL LIMITU GĦALL-INAMMISSIBILTÀ U T-TUL FIŻ-ŻMIEN TAGĦHA

Artikolu 3

Inammissibbiltà ta' applikazzjonijiet sottomessi minn operaturi li jkunu wettqu ksur serju jew li jinżammu responsabbli ta' ksur serju skont l-Artikolu 42(1) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1005/2008, jew l-Artikolu 90(1) tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009

1. Applikazzjoni għall-appoġġ sottomessa minn operatur għandha tkun inammissibbli għal perjodu stabbilit skont l-Anness I meta l-awtorità kompetenti tkun iddeterminat f'deċiżjoni li l-operatur li jissottometti l-applikazzjoni jkun wettaq ksur serju, jew qed jinżamm responsabbli ta' ksur serju skont l-Artikolu 42(1) tar-Regolament (KE) Nru 1005/2008, jew l-Artikolu 90(1) tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009.
2. Bil-għan li tiġi skattata l-inammissibbiltà u li jiġi kkalkulat it-tul tal-perjodu ta' inammissibbiltà, għandu jitqies biss il-ksur serju li jkun wettaq mill-1 ta' Jannar 2013 u li tiegħet deċiżjoni dwaru fit-tifsira tal-paragrafu 1.
3. Minkejja l-paragrafu 2, għall-finijiet tal-paragrafu 1 għandu jitqies biss ksur serju li l-punti li ngħataw minħabba fih ma jkunux tħassru skont l-Artikolu 92(4) tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009.
4. Id-data tal-bidu tal-perjodu ta' inammissibbiltà għandha tkun id-data tad-deċiżjoni meħuda mill-awtorità kompetenti fit-tifsira tal-paragrafu 1.

⁽⁵⁾ Ir-Regolament (UE) Nru 1380/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 dwar il-Politika Komuni tas-Sajd, li jemenda r-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1954/2003 u (KE) Nru 1224/2009 u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 2371/2002 u (KE) Nru 639/2004 u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2004/585/KE (ĠU L 354, 28.12.2013, p. 22).

*Artikolu 4***Inammissibbiltà tal-applikazzjonijiet sottomessi mill-operaturi li l-bastimenti tagħhom ikunu fil-lista tal-bastimenti IUU tal-Unjoni, jew li l-bastiment tagħhom itajjar il-bandiera ta' pajjiż terz li ma jikkooperax**

1. Applikazzjoni għall-appoġġ sottomessa minn operatur għandha tkun inammissibbli għal żmien stabbilit skont l-Anness II jekk l-awtorità kompetenti tkun iddeterminat f'deċizzjoni li:
 - (a) dak l-operatur kien involut fit-tħaddim, fil-ġestjoni jew fis-sjieda ta' bastiment tas-sajd elenkat fil-lista tal-bastimenti IUU tal-Unjoni kif stabbilit fl-Artikolu 27 tar-Regolament (KE) Nru 1005/2008;
 - (b) dak l-operatur kien involut fit-tħaddim, fil-ġestjoni jew fis-sjieda ta' bastiment li jtajjar il-bandiera ta' pajjiż elenkat fil-lista tal-pajjiżi terzi li ma jikkooperawx prevista fl-Artikolu 33 tar-Regolament (KE) Nru 1005/2008.
2. Id-data tal-bidu tal-perjodu ta' inammissibbiltà għandha tkun id-data tad-deċizzjoni meħuda mill-awtorità kompetenti fit-tifsira tal-paragrafu 1.

*Artikolu 5***Inammissibbiltà tal-applikazzjonijiet sottomessi minn operaturi fis-settur tal-akkwakultura li jkunu wettqu jew li jinżammu responsabbli ta' reati ambjentali**

1. Jekk awtorità kompetenti tkun iddeterminat f'deċizzjoni li operatur ikun wettaq, jew jinżamm responsabbli li wettaq wieħed mir-reati stabbiliti fl-Artikolu 3 u fl-Artikolu 4 tad-Direttiva 2008/99/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽⁶⁾, l-applikazzjonijiet għall-appoġġ mill-FEMSA li jkun ressaq dak l-operatur skont ir-Regolament (UE) 2021/1139, l-Artikolu 27, għandhom ikunu inammissibbli skont l-Anness III.
2. Id-data tal-bidu tal-perjodu ta' inammissibbiltà għandha tkun id-data tad-deċizzjoni minn awtorità kompetenti li tiddetermina li jkun sar reat previst fl-Artikolu 3 jew fl-Artikolu 4 tad-Direttiva 2008/99/KE.
3. Għall-finijiet tal-iskattar tal-inammissibbiltà u tal-kalkolu tat-tul tal-perjodu tal-inammissibbiltà, għandhom jitqiesu biss ir-reati li jkunu twettqu wara l-1 ta' Jannar 2013 u li dwarhom tkun ġiet adottata deċizzjoni skont it-tifsira tal-paragrafu 1.

*Artikolu 6***Inammissibbiltà tal-applikazzjonijiet sottomessi mill-operaturi li jkunu wettqu frodi jew li jinżammu responsabbli ta' frodi fil-kuntest tal-FEMS jew tal-FEMSA**

1. Jekk awtorità kompetenti tiddetermina li operatur ikun wettaq frodi jew li jinżamm responsabbli ta' frodi fil-kuntest tal-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd (il-FEMS) jew fil-kuntest tal-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi, is-Sajd u l-Akkwakultura (il-FEMSA), l-applikazzjonijiet kollha għall-appoġġ mill-FEMSA li jissottometti dak l-operatur għandhom ikunu inammissibbli skont l-Anness IV.
2. Il-perjodu tal-inammissibbiltà għandu jibda mid-data tad-deċizzjoni finali li tiddetermina li tkun twettqet frodi skont kif iddefinit fl-Artikolu 3 tad-Direttiva (UE) 2017/1371 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽⁷⁾.

⁽⁶⁾ Id-Direttiva 2008/99/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Novembru 2008 dwar il-protezzjoni ta' l-ambjent permezz tal-liġi kriminali (ĠU L 328, 6.12.2008, p. 28).

⁽⁷⁾ Id-Direttiva (UE) 2017/1371 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Lulju 2017 dwar il-ġlieda kontra l-frodi tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni permezz tal-liġi kriminali (ĠU L 198, 28.7.2017, p. 29).

KAPITOLU III

DISPOŻIZZJONIJIET KOMUNI

Artikolu 7

Determinazzjoni tal-livell limitu li jiskatta l-inammissibbiltà u tat-tul tal-inammissibbiltà

1. Jekk operatur ikun wettaq xi azzjonijiet imsemmija fl-Artikoli 3, 4, 5 u 6, jew jinżamm responsabbli tagħhom, l-Istat Membru kkonċernat għandu jiddetermina jekk ikunx intlaħaq il-livell limitu li jiskatta l-inammissibbiltà. L-Istat Membru għandu jagħmel dan skont il-kolonna (a) tal-Annessi I, II, III jew IV ta' dan ir-Regolament.
2. Jekk l-Istat Membru kkonċernat ikun iddetermina, skont il-paragrafu 1, li l-livell limitu li jiskatta l-inammissibbiltà jkun intlaħaq, imbagħad għandu jiddetermina t-tul taż-żmien li jikkorrispondi mal-inammissibbiltà skont:
 - (a) il-kolonna (b) tal-Annessi I, II, III jew IV ta' dan ir-Regolament; u
 - (b) fejn japplika, il-kolonna (c) u (d) tal-Annessi I jew III ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 8

Determinazzjoni tal-perjodu ta' inammissibbiltà jekk l-operatur ikun is-sid jew ikollu l-kontroll ta' aktar minn bastiment wieħed tas-sajd

1. Jekk operatur ikun is-sid, jew jikkontrolla iktar minn bastiment wieħed tas-sajd, il-perjodu ta' inammissibbiltà ta' applikazzjoni għall-appoġġ sottomessa minn dak l-operatur għandu jiġi ddeterminat separatament għal kull wieħed minn dawk il-bastimenti tas-sajd, f'konformità mal-Artikolu 3 jew mal-Artikolu 4.
2. Barra minn hekk, l-applikazzjonijiet għall-appoġġ sottomessi minn dak l-operatur għandhom ikunu inammissibbli wkoll:
 - (a) jekk l-applikazzjonijiet għal aktar minn nofs il-bastimenti tas-sajd li huma l-proprjetà ta' dak l-operatur jew li huma kkontrollati minnu jkunu inammissibbli għall-appoġġ skont l-Artikolu 3 jew l-Artikolu 4, jew
 - (b) meta l-punti għall-ksur ikunu ġew assenjati għal ksur serju skont l-Artikolu 42(1)(a) tar-Regolament (KE) Nru 1005/2008, jew skont l-Artikolu 90(1)(a) u (c) tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009, jekk l-għadd medju ta' punti għall-ksur assenjat għal kull bastiment tas-sajd imħaddem mill-operatur jew proprjetà tiegħu, ikun ta' seba' punti jew iktar.

Artikolu 9

Trasferiment tas-sjieda

1. Fil-każ ta' bejgħ jew trasferiment ta' sjieda, jekk operatur ikun suġġett għal perjodu ta' inammissibbiltà skont l-Artikoli 3, 4 u 6 minħabba ksur serju li jkun wettaq qabel il-bidla fis-sjieda, dan il-perjodu ta' inammissibbiltà ma għandux jiġi ttrasferit għall-operatur il-ġdid.
2. B'deroga mill-paragrafu 1, meta, f'konformità mas-sistema tal-punti stabbilita mill-Artikolu 92 tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009, jiġu assenjati l-punti għall-ksur serju skont l-Artikolu 42(1)(a) tar-Regolament (KE) Nru 1005/2008 jew l-Artikolu 90(1)(a) u (c) tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009 qabel il-bidla fis-sjieda tal-bastiment tas-sajd, dawk il-punti għall-ksur għandhom jitqiesu għall-finijiet tal-iskattar tal-inammissibbiltà u tal-kalkolu tat-tul tal-perjodu ta' inammissibbiltà tal-operatur il-ġdid skont l-Artikolu 3 u l-Artikolu 8(2) f'dawk il-każijiet biss meta, wara li tinbidel is-sjieda għal fuqu, dak l-operatur iwettaq ksur serju skont l-Artikolu 42(1)(a) tar-Regolament (KE) Nru 1005/2008 jew skont l-Artikolu 90(1)(a) u (c) tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009.

*Artikolu 10***Irtirar permanenti tal-liċenzja tas-sajd**

L-applikazzjonijiet għall-appoġġ sottomessi minn operatur li l-liċenzja tas-sajd tiegħu tkun ġiet irtirata b'mod permanenti għal xi wieħed mill-bastimenti tas-sajd li jħaddem jew li huwa s-sid tiegħu, għandhom ikunu inammissibbli mid-data tal-irtirar tal-liċenzja tas-sajd sa tmiem il-perjodu ta' eliġibbiltà tan-nefqa għal kontribuzzjoni tal-FEMSA msemmija fl-Artikolu 63(2) tar-Regolament (UE) 2021/1060, jekk dik il-liċenzja tas-sajd tkun ġiet irtirata:

- (a) f'konformità mal-Artikolu 92(3) tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009 u mal-Artikolu 129(2) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 404/2011 ⁽⁸⁾; jew, jekk japplika,
- (b) b'risultat ta' sanzjonijiet għal ksur serju imposti mill-Istati Membri f'konformità mal-Artikolu 45 tar-Regolament (KE) Nru 1005/2008.

*Artikolu 11***Arranġamenti għall-irkupru tal-għajnuna**

1. Jekk isseħħ xi waħda mis-sitwazzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 11(1) tar-Regolament (UE) 2021/1139 bejn id-data ta' meta l-operatur ikun issottometta l-applikazzjoni u ħames snin wara l-pagament finali, l-appoġġ li jkun tħallas mill-FEMSA relatat ma' dik l-applikazzjoni għandu jkun soġġett għal korrezzjoni finanzjarja mill-Istat Membru kkonċernat f'konformità mal-Artikolu 44 tar-Regolament (UE) 2021/1139 u mal-Artikolu 103(1) tar-Regolament (UE) 2021/1060.

2. L-ammont li jrid jiġi rkuprat għandu jkun proporzjonat man-natura, mal-gravità, mat-tul ta' żmien u mar-repetizzjoni tas-sitwazzjonijiet imsemmijin fl-Artikolu 11(1) tar-Regolament (UE) 2021/1139.

*Artikolu 12***Dispożizzjonijiet tranżizzjonali**

Dan ir-Regolament ma għandux jaffettwa l-kontinwazzjoni jew il-modifika tal-perjodi ta' inammissibbiltà tal-applikazzjonijiet għall-appoġġ tal-FEMS skont ir-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) 2015/288 ⁽⁹⁾.

*Artikolu 13***Dħul fis-seħħ**

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Huwa għandu japplika mill-1 ta' Jannar 2021.

⁽⁸⁾ Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 404/2011 tat-8 ta' April 2011 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1224/2009 li jistabbilixxi sistema Komunitarja ta' kontroll għall-iżgurar tal-konformità mar-regoli tal-Politika Komuni tas-Sajd (ĠU L 112 30.4.2011, p. 1).

⁽⁹⁾ Ir-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) 2015/288 tas-17 ta' Diċembru 2014 li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 508/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd fir-rigward tal-perjodu ta' żmien u d-dati għall-inammissibbiltà tal-applikazzjonijiet (ĠU L 51, 24.2.2015, p. 1).

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, id-29 ta' Ġunju 2022.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN

ANNEX I

Livell limitu li jiskatta l-inammissibbiltà u t-tul tal-perjodu ta' applikazzjoni għall-operaturi li jkunu wettqu ksur serju skont l-Artikolu 42 tar-Regolament (KE) Nru 1005/2008 jew skont l-Artikolu 90 tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009

Kategoriji ta' ksur serju	(a) Livell limitu li jiskatta l-inammissibbiltà	(b) Tul tal-perjodu tal-inammissibbiltà	(c) Kundizzjonijiet biex jittawwal il-perjodu tal-inammissibbiltà	(d) Kundizzjonijiet biex jitnaqqas il-perjodu tal-inammissibbiltà
Ksur serju tal-kategoriji 1 u 2 kif imsemmi fl-Anness XXX tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 404/2011 (*)	Total ta' 9 punti għall-ksur, ikun xi jkun l-għadd ta' okkorrenzi ta' ksur serju	12-il xahar	xahar ta' inammissibbiltà miżjud għal kull punt għall-ksur 'il fuq mill-livell limitu	Jekk jitnaqqsu żewġ punti għall-ksur skont l-Artikolu 133(3) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 404/2011, il-perjodu tal-inammissibbiltà jitnaqqas b'erba' xhur
Il-każijiet kollha ta' ksur serju kif iddefiniti fl-Artikolu 42 tar-Regolament (KE) Nru 1005/2008 u fl-Artikolu 90 tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009, bl-eċċezzjoni tal-ksur serju tal-kategoriji 1 u 2 kif imsemmi fl-Anness XXX tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 404/2011	Ksur serju wieħed	12-il xahar għal kull ksur serju	xahrejn ta' inammissibbiltà miżjuda għal kull ksur serju tal-kategoriji 7, 9, 10, 11 jew 12 kif imsemmi fl-Anness XXX tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 404/2011. Jekk l-operatur iwettaq ksur serju tal-kategoriji 1 jew 2 kif imsemmija fl-Anness XXX tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 404/2011 waqt il-perjodu tal-inammissibbiltà, jew jinżamm responsabbli tiegħu, il-perjodu tal-inammissibbiltà jittawwal b'xahar għal kull punt għall-ksur assenjat għal dawk l-okkorrenzi ta' ksur serju.	

(*) Din ir-ringiela tapplika biss jekk ikun twettaq ksur serju tal-kategoriji 1 jew 2. Jekk ikun twettaq ksur serju qabel, fl-istess żmien, jew wara t-tweġġ tal-ksur serju tal-kategoriji 1 jew 2, u waqt l-istess perjodu ta' inammissibbiltà, il-każijiet ta' ksur serju tal-kategoriji 1 jew 2 għandhom jitqiesu biss għall-fini tal-kolonni (c) u (d) tat-tieni ringiela.

ANNEX II

Livell limitu li jiskatta l-inammissibbiltà u t-tul tal-perjodu tal-inammissibbiltà tal-applikazzjonijiet sottomessi mill-operaturi li l-bastiment tagħhom ikun elenkat fil-lista tal-bastimenti IUU tal-Unjoni jew li l-bastiment tagħhom itajjar il-bandiera ta' pajjiż terz li ma jikkooperax

Tip ta' ksur	(a) Livell limitu li jiskatta l-inammissibbiltà	(b) Tul tal-perjodu tal-inammissibbiltà
L-operatur kien involut fit-tħaddim, fil-ġestjoni jew fis-sjieda ta' bastiment tas-sajd elenkat fil-lista tal-bastimenti IUU tal-Unjoni kif stabbilit fl-Artikolu 27 tar-Regolament (KE) Nru 1005/2008	ksur 1	Il-perjodu kollu li matulu l-bastiment tas-sajd ikun fil-lista ta' bastimenti IUU tal-Unjoni u, fi kwalunkwe każ, mhux inqas minn 24 xahar.
L-operatur kien involut fit-tħaddim fil-ġestjoni jew fis-sjieda ta' bastiment li jtajjar il-bandiera ta' pajjiż elenkat fil-lista tal-pajjiżi terzi li ma jikkooperawx prevista fl-Artikolu 33 tar-Regolament (KE) Nru 1005/2008	ksur 1	Il-perjodu kollu li matulu dak il-pajjiż ikun fil-lista ta' pajjiżi terzi li ma jikkooperawx u, fi kwalunkwe każ, mhux inqas minn 12-il xahar.

ANNEX III

Il-livell limitu li jiskatta l-inammissibbiltà u t-tul tal-perjodu tal-inammissibbiltà għall-operaturi li jkunu wettqu r-reati ambjentali stabbiliti fl-Artikoli 3 u 4 tad-Direttiva 2008/99/KE

Reat ambjentali	(a) Livell limitu li jiskatta l-inammissibbiltà	(b) Tul tal-perjodu tal-inammissibbiltà	(c) Kundizzjonijiet biex jittawwal il-perjodu tal-inammissibbiltà	(d) Kundizzjonijiet biex jitnaqqas il-perjodu tal-inammissibbiltà
